Id-Dmirijiet ta' Ċittadin

Il-Perspettiva Iżlamika

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Id-Dmirijiet ta' Ċittadin

Il-Perspettiva Iżlamika

Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad[ra]
It-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as], u l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana

The Duties of a Citizen - Islamic Perspective
Maltese Translation

Id-Dmirijiet ta' Ċittadin
Il-Perspettiva Iżlamika

Kitba ta'

Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad
(il-paċi tkun miegħu)

Din is-silta hija meħuda mill-ktieb Ahmadiyyat Ya'ni Haqiqi Islam ta' Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad^{ra}, Kalifatul-Masiħ II.

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Mob: +356-79320139 ● **Tel:** +356-27342401
Tel: +356-21322105 ● **Fax:** +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

978-1-84880-676-4

Stampa: © shutterstock.com

Introduzzjoni

Din is-silta hija meħuda mill-ktieb *Ahmadiyyat Ya'ni Haqiqi Islam* ta' Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad[ra], Kalifatul-Masiħ II.

Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad[ra] (1889-1965) ġie elett bħala Kalif u Kap tal-Komunità Aħmadija Musulmana fl-età bikrija ta' 24 sena meta l-Komunità kienet għadha fl-infanzja tagħha u għenha biex tissaħħaħ għal aktar minn 50 sena bit-tmexxija spiritwali tiegħu, bit-talb, bid-dmija, bid-dmugħ u bit-tbatija tiegħu.

Bl-intelliġenza fina tiegħu, bl-intellett żviluppat tiegħu, bil-kapaċità profonda u estensiva fl-istudji u, fuq kollox, bl-għerf tiegħu mogħti minn Alla, huwa rnexxielu joħloq ġabra enormi ta' kitbiet, diskorsi, eċċ.

Huwa kellu ħerqa kbira biex iwassal it-tagħlim u l-prinċipji ġenwini tal-Iżlam fl-imħuħ u l-qlub tal-membri tal-Komunità. Huwa xtaq li l-membri jsiru rappreżentanti denji tal-Iżlam u jipprattikaw it-tagħlim tal-Iżlam fil-ħajja ta' kuljum tagħhom. Fis-silta li ġejja huwa jenfasizza d-dmirijiet ta' ċittadin Musulman.

Traduzzjoni bil-Malti:

Qegħdin nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-ktieb għall-qarrejja tagħna. Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2015.

“L-IMĦABBA LEJN PAJJIŻEK HI PARTI MILL-FIDI.”

(Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

F'Isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħanin

"Issa se nitħaddet dwar id-dmirijiet ta' ċittadin hekk kif imfissra fl-Iżlam. L-Iżlam jobbliga lil kull raġel biex jaqla' ħobżu bix-xogħol, u mhux jgħix ħajja ta' għażż. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal, 'L-aqwa ikel huwa dak li persuna tikseb bil-ħidma ta' jdejha stess,' u għal darb'oħra, 'Il-Profeta David[as] kien jaħdem biex jaqla' l-għajxien tiegħu.'

Dmir ieħor ta' ċittadin Musulman huwa dak li jevita li jittallab għall-karità. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] saħaq ħafna fuq dan il-punt u dejjem għallem lin-nies biex jevitaw it-talb għall-elemożina, għaliex din hija umiljazzjoni li kull Musulman għandu jiskansa. Huwa rrappurtat li qal,

> 'Għandu jkollhom permess biex jittallbu tliet persuni biss, l-ewwel, raġel li qed jipprova jevita li jittallab billi jfittex ix-xogħol iżda mhux qed jirnexxilu jew li mhux kapaċi jaħdem; it-tieni, xi ħadd li jkun qala' xi piena li evidentement ma jkunx jista' jlaħħaq magħha u li f'dak il-każ is-somma sottoskritta tista' tinġabar għalih; u t-tielet, nies li tkun imposta fuqhom multa bħala klassi, eżempju, fejn raġel wieħed ikun ikkommetta reat u t-tribù tiegħu kollu jiġi kkastigat.'

Dmir ieħor ta' ċittadin Musulman huwa dak li għandu jsellem lil kulħadd bit-tislima, 'Il-paċi ta' Alla tkun fuqek', biex b'hekk iwaqqaf il-pedamenti għal ħbiberija sinċiera. Għandu wkoll jieħu b'idejn il-ħbieb u l-kollegi li huwa jiltaqa' magħhom.

Ukoll, Musulman huwa obbligat li jżur lil dawk minn ħbiebu u l-ġirien li jinzertaw morda, biex ifarraġhom u jferraħhom.

Qabel ma jidħol f'dar, Musulman għandu jikseb il-permess tar-residenti, u għandu jsellmilhom bit-tislima tal-paċi. Jekk ma jkunx hemm tweġiba, jew dawk li jkun jixtieq jara ma jkunux disponibbli, għandu jwarrab ħalli ma jdejjaq lil ħadd.

Jekk Musulman jinzerta jisma' lil xi ħadd jitkellem b'mod dispreġjattiv dwar xi ħaddieħor, m'għandux imur jikxef dak li sema' għaliex, bħalma qal il-Qaddis Profeta Muħammad[sa],

> 'Persuna li timmalafama lil xi ħaddieħor fl-assenza tiegħu tixbah lil persuna li tispara vleġġa lejn xi ħadd u ma tolqtux, u dik il-persuna li twassal il-malafama lil xi ħadd li jkunu tkellmu dwaru tixbah lil dik il-persuna li jirnexxilha tolqot bil-vleġġa l-mira tagħha.'

Ukoll, il-Musulmani huma obbligati li jgħinu fir-riti ta' funeral meta jmut Musulman fil-belt jew fir-raħal tagħhom. Għandhom jattendu għall-funeral u jgħinu fid-dfin, eċċ. Madanakollu, m'hemmx għalfejn imur kulħadd. Iżda, jekk ħadd ma jattendi, kollha jkunu ħatja ta' negliġenza. Il-Musulmani dejjem qiesu t-twettiq ta' dan id-dmir bħala att speċjali ta' ġenerożità, u l-kumpanni tal-Qaddis Profeta[sa] kienu jattendu l-funerali anki ta' dawk li ma kinux Musulmani.

Ukoll, il-Musulmani għandhom jevitaw imġiba mhux xierqa l-għaliex din l-imġiba hemm ċans li toffendi u tirrita lil ħaddieħor. Il-Koran Imqaddes jgħid li l-Musulmani għandhom jimxu fit-triqat u fis-swieq b'mod dinjituż. Il-Qaddis Profeta[sa] darba lemaħ raġel miexi fit-triq b'żarbuna waħda. Widdbu u qallu biex jew jilbes iż-żewġt iżraben jew inkella joqgħod kompletament ħafi.

Il-Musulmani m'għandhomx jitfgħu l-iskart fit-toroq jew f'postijiet pubbliċi. Il-Qaddis Profeta[sa] qal li Alla ma jiħux pjaċir b'xi ħadd li jarmi l-iskart fit-toroq jew f'postijiet fejn ikun hemm ħafna nies. Min-naħa l-oħra, il-Musulmani huma obbligati li jgħinu biex dawn il-postijiet jibqgħu ndaf u ħielsa mill-ingombru jew il-periklu. Il-Qaddis Profeta[sa] jgħid,

> 'Alla jkun sodisfatt meta xi ħadd ineħħi mit-triq dak kollu li jista' joħloq fastidju jew ostaklu.'

Ukoll, il-Musulmani ma jistgħux joqogħdu jitlewmu f'postijiet pubbliċi, u b'hekk jiddisturbaw il-paċi u s-serenità ta' oħrajn. Huma wkoll imwissija biex ma jagħmlu xejn li jista' jniġġes l-ilma użat mill-pubbliku. Ma jistgħux jużaw kliem inġurjuż, jew iwettqu atti li jistgħu joffendu jew idejqu 'l ħaddieħor, bħal joħorġu għarwenin jew affarijiet bħal dawn. Il-Musulmani ma jistgħux ibigħu oġġetti li jagħmlu ħsara lill-oħrajn – pereżempju, ikel li mhux adattat għall-konsum tal-bniedem, jew li jista' jwassal għall-mard jew xi tip ta' kundizzjoni, jew affarijiet li jkunu skadew u ma jkunux għadhom tajbin għall-għan li jkunu nħolqu għalih. Musulman ma jistax jistkenn taħt il-prinċipju ta' *Caveat emptor* iżda għandu jieħu ħsieb li ma jbigħx jew joffri għall-bejgħ kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' dannu jew ħsara għal ħaddieħor.

Dmir ieħor ta' Musulman huwa li jqarreb in-nies lejn il-virtù u jwiddibhom kontra l-ħażen. Iżda dan għandu jwettqu b'ġentilezza u affezzjoni ħalli n-nies ma jagħmlux il-kuntrarju u jitbiegħdu aktar minn dak li hu tajjeb. Għandu jgħallem lin-nies dak kollu li jaf u m'għandux iżomm moħbi l-għerf u l-ħiliet tiegħu, iżda għandu jħalli lil kulħadd jibbenefika mit-talenti tiegħu, il-għaliex il-Qaddis Profeta[sa] qal li jekk xi ħadd iżomm bħala sigriet l-għarfien ta' xi ħaġa partikolari u jirrifjuta li jikxifha meta mistoqsi dwarha, dan jisfa mliġġem bi lġiem tan-nar f'Jum il-Ġudizzju.

Dan ma jfissirx li persuna m'għandhiex tapprofitta mill-invenzjonijiet tagħha jew li għandha tagħmilhom pubbliċi. L-għan huwa li x-xjenzi, l-arti u t-tagħlim m'għandhomx jitħallew jisparixxu billi jibqgħu moħbija u miżmuma fl-imħuħ ta' individwi partikolari. Madanakollu huwa permissibbli li wieħed juża l-intelliġenza u l-ħiliet tiegħu għall-profitt personali tiegħu u għall-beneficċju tal-pubbliku, u s-sistema ta' reġistrazzjoni u ittri patenti tassigura mhux biss il-gwadann tal-inventur iżda wkoll il-preservazzjoni permanenti tal-invenzjoni.

Musulman għandu jkun qalbieni iżda mhux tiranniku. M'għandux jgħakkes id-dgħajfa, il-foqra, in-nisa jew it-tfal, jew saħansitra l-annimali. Jingħad li Abdullah, iben Umar[ra], it-tieni Kalif, lemaħ xi subien jaħqru annimal ħaj. Meta raw lil Abdullah, dawn ħarbu, u Abdullah stqarr, 'Alla mhux kuntent b'dawk li wettqu dan, għaliex jien smajt lill-Profeta[sa] jgħid, 'Alla ma jiħux gost b'min jagħmel annimal ħaj il-mira tiegħu għall-pjaċir,' u kien qed jirreferi għal dawk li jorbtu annimal bl-intenzjoni li jisparaw fuqu. Madanakollu l-Iżlam jippermetti l-kaċċa u l-isparar. Din l-ordni fl-Iżlam, li twaqqfet

aktar minn tlettax-il seklu ilu, kienet aktar avvanzata mill-ideat ta' xi pajjiżi hekk imsejħa ċivilizzati tas-seklu għoxrin. Kien biss riċenti li d-delizzju tal-isparar ta' ħamiem mans, li kien aċċettat f'xi pajjiżi tal-Punent, kellu jitwaqqaf permezz ta' liġijiet.

Bl-istess mod jingħad li l-Qaddis Profeta[sa] darba ra ħmar jiġi mmarkat b'ħadida tikwi fuq rasu. Kien iddispjaċut ħafna u impedixxa l-immarkar ta' annimali fuq ir-ras, il-għaliex dan iġib uġigħ tremend, u għaldaqstant fil-futur l-annimali kellhom jiġu mmarkati fuq saqajhom.

F'okkażjoni oħra huwa ra lil xi ħadd li kien qabad il-frieħ ta' ħamiema. Qalilhom biex jeħilsuhom u ma jaħqrux lill-omm. Darba oħra qal, 'Alla juri ħniena ma' dak li jħenn għall-annimali u jagħtihom x'jieklu u x'jixorbu.'

Dmir ieħor ta' Musulman huwa dak li ma jqigħedx il-ħajja u s-sigurtà tal-oħrajn fil-periklu. Pereżempju, il-Qaddis Profeta[sa] ma kienx jippermetti li nies minn żona infettata joħorġu minn dawk l-akkwati, u lanqas nies minn żoni oħra li jidħlu f'post maħkum mill-mard. Din l-ordni antiċipat b'numru ta' sekli r-regolazzjonijiet tal-kwarantina u miżuri simili oħra, li suppost huma r-riżultat tal-għarfien miksub mix-xjenza moderna u r-riċerka.

Dmir ieħor ta' Musulman huwa dak li jgħin lil ħbiebu u lill-ġirien tiegħu, li jkunu fil-bżonn, b'self ta' flus, eċċ., imma mbagħad f'dan il-każ m'għandux iqiegħed bħala kundizzjoni ta' ftehim ir-ritorn ta' dawk il-flus li jkun sellef. Musulman għandu jkollu simpatiji kbar u natural ġeneruż, u għandu jqis bħala dmir tiegħu li joffri l-għajnuna lil dawk minn ħutu li jkunu anqas ixxurtjati minnu. Għandu jaqla' l-għajxien tiegħu bix-

xogħol u l-ħidma, u m'għandux ifittex li jagħmel il-flus minn fuq l-isfortuna ta' ħaddieħor jew billi jħeġġiġhom biex ikunu stravaganti jew ħalja. Għaldaqstant mhuwiex permissibbli li jsellef il-flus bl-interessi.

Musulman għandu dejjem ikun lest biex jagħmel is-sagrifiċċji għall-kawżi nazzjonali u patrijottiċi, u għandu jkun attiv fil-qadi tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet ċiviċi tiegħu. Il-Qaddis Profeta[sa] qal, 'Persuna li tinqatel fid-difiża tal-proprjetà tagħha tkun aċċettata minn Alla.' Il-Koran Imqaddes jgħid, 'Għalfejn qed taħsbuha biex tiġġieldu, meta ħutkom irġiel u nisa qed jiġu maħqura mit-tiranni?'

Dmir ieħor ta' Musulman huwa dak li jsalva l-ħajja ta' persuna li tkun fil-periklu; u jekk jonqos milli jagħti l-għajnuna f'każijiet bħal dawn, huwa jitfa' fuqu nnifsu l-għadab ta' Alla. Il-Qaddis Profeta[sa] qal, 'Persuna li tara lil xi ħadd jinqatel u ma tintervjenix jew lanqas tagħmel sforz biex issalvah, titfa' fuqha s-saħta ta' Alla.'

Għaldaqstant huwa d-dmir ta' Musulman li jsalva lil dawk li jkunu se jegħrqu, li jgħin biex jitfi n-nirien, u li jagħti l-għajnuna tiegħu fi żminijiet ta' traġedji bħal terremoti, diżastri fil-minjieri, ħbit ta' ferroviji, żbroffi vulkaniċi, tempesti, eċċ. Fil-qosor, kull meta u kull fejn hemm il-periklu għall-ħajja u s-sigurtà, Musulman għandu joffri kull għajnuna possibbli fil-ħidma ta' salvataġġ; jekk jonqos minn dan id-dmir, għandu jwieġeb lil Alla għal dan in-nuqqas u ma jkunx ħaqqu l-grazzja u l-ħniena ta' Alla.

Għal darba oħra, Musulman huwa pprojbit li jipponta arma lejn xi ħadd, lanqas biċ-ċajt. Minħabba dan in-nuqqas ta' attenzjoni jintilfu għexieren ta' ħajjiet kull sena.

Imbagħad Musulman m'għandu qatt jaqta' qalbu jew jiddispra. Huwa għandu dejjem iżomm sod qisu blata quddiem l-inkwiet u l-problemi. L-irjieħ tad-diżgrazzji m'għandhomx iċaqalquh u l-imwieġ tad-diżastri jistgħu jħabbtu miegħu għalxejn. Għandu jissielet mal-fallimenti u mad-disfatti sakemm jasal għas-suċċess jew inkella jmut fil-proċess. L-Iżlam jagħmel raġel qalbieni, u Musulman qatt m'għandu jfittex li jaħrab, jew jiskansa, mir-responsabbiltajiet tiegħu permezz ta' metodi kodardi bħas-suwiċidju jew xi tip ta' ħsara lilu nnifsu.

Hekk hu Musulman! Iżda b'Musulman ma nifhimx l-hekk imsejjaħ Musulman tal-lum li abbanduna għalkollox l-Iżlam u jħares lejn il-Punent għas-sostenn morali u spiritwali ta' kull tip. B'Musulman nifhem il-Musulman ta' tlettax-il mitt sena ilu li t-tip tiegħu reġa' feġġ fil-ħajja tal-lum permezz tal-Messija Mwiegħed[as]." [1]

****

Nota tal-Pubblikatur

IŻLAM: Il-kelma *Iżlam* (*Islam* fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1987 [l-1 volum], paġna 592 mibdula għal *Iżlam* fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma *sliem*.

KORAN: Il-kelma *Koran* (*Quran / Qoran / Koran* fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1990 [it-2 volum], paġna 1158 mibdula għal *Koran* fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma *qari*.

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

sa *sallallahu 'alaihi wa sallam*, li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

as *alaihis-salam*, li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

ra *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum*, li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

aba *ayyadahullahu ta'ala binasrihil-'aziz*, li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba].

---

1. *Ahmadiyyat Ya'ni Haqiqi Islam, Anwarul-Uloom*, vol. 8, p. 280 - 285, ġie ppubblikat min Nażarat Nashro-Ishaat, Qadian, fl-2008; *Ahmadiyyat or the True Islam, p. 250-256*

“Musulman għandu dejjem ikun lest biex jagħmel is-sagrifiċċji għall-kawżi nazzjonali u patrijottiċi, u għandu jkun attiv fil-qadi tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet ċiviċi tiegħu.

Dmir ieħor ta’ ċittadin Musulman huwa dak li għandu jsellem lil kulħadd bit-tislima, ‘Il-paċi ta’ Alla tkun fuqek’, biex b’hekk iwaqqaf il-pedamenti għal ħbiberija sinċiera.”

Imħabba għal Kulħadd - Mibegħda għal Ħadd

This is the Maltese translation of the writing taken from the book “Ahmadiyyat Ya‘ni Haqiqi Islam” by Hazrat Mirza Bashir-ud-Din Mahmood Ahmad^{ra}, Khalifatul-Masih II.

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
www.ahmadija.org.mt